



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

DG tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq

Ħarsien u Integrazzjoni Soċjali

Inklużjoni, Aspetti tal-Politika Soċjali tal-Migrazzjoni, Integrazzjoni tal-Politiki Soċjali

Brussell,
D(2008)

Is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)

— Dokument ta' Qafas Strateġiku —

**Prijoritajiet u linji ta' gwida
għall-attivitajiet tas-Sena Ewropea 2010**

<http://2010againstpoverity.ec.europa.eu>

Dan id-dokument huwa disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea

INTRODUCTION ERROR! BOOKMARK NOT DEFINED.

1. MATCHING ACTIVITIES ON THE GROUND TO OBJECTIVES AND PRINCIPLES ERROR! BOOKMARK NOT DEFINED.

1.1. Guidelines for putting the objectives of the 2010 European Year into practice Error! Bookmark not defined.

1.2. Gender mainstreamingError! Bookmark not defined.

1.3. Accessibility Error! Bookmark not defined.

1.4. Priority policy areas Error! Bookmark not defined.

1.5. Partnerships with civil society and stakeholders Error! Bookmark not defined.

2. MANAGEMENT AND COORDINATION AT NATIONAL LEVELERROR! BOOKMARK NOT

2.1. The National Implementing Bodies (NIBs) Error! Bookmark not defined.

2.1.1. Budget managementError! Bookmark not defined.

2.1.2. Practical organisation of the YearError! Bookmark not defined.

2.2. The national programmes (NPs) Error! Bookmark not defined.

2.2.1. Guidelines for the programme Error! Bookmark not defined.

2.2.2. ComplementarityError! Bookmark not defined.

2.2.3. Communication strategy and target groupsError! Bookmark not defined.

2.3. Consultation on and monitoring of the national programmesError! Bookmark not defined.

3. MANAGEMENT AND COORDINATION AT EUROPEAN LEVELERROR! BOOKMARK NOT

3.1. The role of the CommissionError! Bookmark not defined.

3.2. The Consultative CommitteeError! Bookmark not defined.

3.3. Association of the Social Protection Committee and other committeesError! Bookmark not defined.

3.4. Partnerships at European levelError! Bookmark not defined.

4. FUNDING AND NON-FINANCIAL SUPPORTERROR! BOOKMARK NOT DEFINED.

4.1. Funding Error! Bookmark not defined.

4.2. Non-financial supportError! Bookmark not defined.

5. PRACTICALITIESERROR! BOOKMARK NOT DEFINED.

5.1. National programmes in practiceError! Bookmark not defined.

5.1.1. Proposed structure for the national programmeError! Bookmark not defined.

5.1.2. Assessment of the national programmesError! Bookmark not defined.

5.1.3. Practical arrangementsError! Bookmark not defined.

5.2. Financial and administrative management Error! Bookmark not defined.

5.2.1. The management procedure Error! Bookmark not defined.

5.2.2. Calls for proposals and calls for tendersError! Bookmark not defined.

5.2.3. How should the application be presented to the Commission?Error! Bookmark not defined.

5.2.4. Signature of the delegation agreementsError! Bookmark not defined.

5.2.5. PaymentsError! Bookmark not defined.

6. MONITORING AND EVALUATIONERROR! BOOKMARK NOT DEFINED.

6.1. Monitoring Error! Bookmark not defined.

6.1.1. European levelError! Bookmark not defined.

6.1.2. National levelError! Bookmark not defined.

6.2. Evaluation Error! Bookmark not defined.

ANNEX 1 — THE NATIONAL PROGRAMMES — PROPOSED STRUCTURE ERROR! BOOKMARK NOT DEFINED.

ANNEX 2 — MAXIMUM AMOUNT OF EU FUNDING ALLOCATED FOR EACH COUNTRY (*)ERROR! BOOKMARK NOT DEFINED.

ANNEX 3 — ROADMAP FOR IMPLEMENTATIONERROR! BOOKMARK NOT DEFINED.

Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma impenjati bis-sħiħ fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. L-Aġenda Soċjali tal-Kummissjoni għall-2005-2010 pproponiet l-2010 bħala s-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, biex l-impenn politiku inizjali tal-UE, li tiegħed fil-bidu tal-Istrateġija ta' Liżbona, jerġa' jiġi affermat u msaħħa, u biex ikollu "impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar". L-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-Sena Ewropea 2010 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'L 298, fis-7.11.2008¹.

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja internazzjonali tal-2008 jista' jkollha konsegwenzi fit-tul għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-UE, u aktarx huma l-aktar nies vulnerabbli fis-soċjetajiet tagħna li se jbatu l-aktar. Is-sena Ewropea kontra l-faqar, għalhekk, għandu jkollha impatt kruċjali fiż-żieda tal-għarfien dwar l-esklużjoni soċjali u l-promozzjoni tal-inklużjoni attiva, billi ebda pajjiż ma jista' jaħrab mill-konsegwenzi ta' din il-kriżi globali.

L-Għan tad-Dokument Strateġiku ta' Qafas

Anness – Kapitolu II – il-punt 2² Wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni se tħejji Dokument ta' Qafas Strateġiku, li flimkien mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 (...), se jistabbilixxu l-prijoritajiet ewlenin għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tas-Sena Ewropea, inklużi standards minimi f'termini ta' parteċipazzjoni f'korpi u azzjonijiet nazzjonali.

Dan id-Dokument ta' Qafas Strateġiku tħejja mill-Kummissjoni Ewropea għall-Korpi implimentattivi nazzjonali u l-atturi l-oħra kollha involuti fis-Sena Ewropea 2010. L-għan tiegħu huwa:

- li jagħti gwida Prattika għall-attivitajiet tas-Sena Ewropea;
- li jiżgura li l-programmi nazzjonali jkunu konsistenti mal-għanijiet tas-Sena Ewropea 2010 u l-Istrateġija Ewropea għall-Farsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali³.

Id-dokument jiddeskrivi kif l-attivitajiet tal-2010 jistgħu jkunu konformi mal-għanijiet u l-prinċipji tas-Sena Ewropea, jipprovdi dettalji dwar il-qafas tal-ġestjoni u l-koordinament fil-livell nazzjonali u dak Ewropew, u jagħti rakkomandazzjonijiet b'saħħithom għall-arranġamenti tal-ġestjoni finanzjarja, tal-monitoraġġ u tal-valutazzjoni.

¹ ĠU L 298, 7.11.2008, p. 20.

http://ec.europa.eu/employment_social/emplweb/news/news_en.cfm?id=326.

² Il-kwotazzjonijiet kollha fil-kaxxi jirreferu għad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010).

³ Għal iktar tagħrif dwar din l-Istrateġija Ewropea, jekk jogħġbok ara: http://ec.europa.eu/employment_social/spsi/the_process_en.htm.

1. Konformità bejn l-attivitajiet fil-prattika u l-għanijiet u l-prinċipji

Artikolu 2 Għanijiet u Prinċipji ta' Gwida

(a) **Rikonoxximent tad-drittijiet** – ir-rikonoxximent tad-dritt fundamentali tan-nies f'sitwazzjoni ta' faqar u esklużjoni soċjali biex jgħixu b'dinjità u biex ikunu parti sħiħa mis-soċjetà. Is-Sena Ewropea se żżid l-għarfien pubbliku tas-sitwazzjoni tan-nies li qed jesperjenzaw il-faqar, b'mod partikolari dik ta' gruppi jew persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u se tgħin biex tippromwovi l-aċċess effettiv tagħhom għal drittijiet soċjali, ekonomiċi u kulturali kif ukoll għal riżorsi suffiċjenti u servizzi ta' kwalità. Is-Sena Ewropea se tgħin ukoll fil-ġlieda kontra l-isterjotipi u l-istigmatizzazzjoni;

(b) **Responsabbiltà kondiviża u parteċipazzjoni** – iż-żieda fl-appartenenza pubblika tal-linji politiċi u l-azzjonijiet tal-inklużjoni soċjali, b'enfasi fuq ir-responsabbiltà kollettiva u kemm dik individwali fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll l-importanza tal-promozzjoni u l-appoġġ ta' attivitajiet volontarji. Is-Sena Ewropea ser tippromwovi l-involviment ta' atturi pubbliċi u privati, inter alia permezz ta' sħubiji proattivi. Hija għandha trawwem il-kuxjenza u l-impenn u toħloq opportunitajiet biex iċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jagħtu sehemhom, b'mod partikolari dawk in-nies b'esperjenza diretta jew indiretta tal-faqar;

(c) **Koeżjoni** – il-promozzjoni ta' soċjetà iktar koeżiva billi titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-benefiċċji għal kulħadd ta' soċjetà fejn il-faqar huwa eradikat, fejn it-tqassim ġust huwa permess u fejn ħadd ma jkun marġinalizzat. Is-Sena Ewropea se trawwem soċjetà li ssosni u tiżviluppa l-kwalità tal-ħajja, inkluża l-kwalità tal-kapaċitajiet u l-impjiegi, il-benessri soċjali, inkluż il-benessri tat-tfal, u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Barra minn hekk, hija se tiżgura l-iżvilupp sostenibbli u s-solidarjetà bejn u fi ħdan il-ġenerazzjonijiet u l-koerenza politika mal-azzjoni tal-Unjoni Ewropea madwar id-dinja;

(d) **Impenn u azzjoni konkreta** – it-tennija tal-impenn politiku qawwi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri biex jagħmlu impatt deċiżiv għall-eradikazzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-promozzjoni ta' dan l-impenn u ta' azzjonijiet fil-livelli kollha ta' governanza. Filwaqt li tkompli tibni fuq il-kisbiet u l-potenzjal tal-MMK dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, is-Sena Ewropea se ssaħħaħ l-impenn politiku, billi tiffoka l-attenzjoni politika fuq, u timmobilizza l-partijiet interessati kollha, fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u tagħti spinta ulterjuri għall-azzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

1.1. Linji ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-għanijiet tas-Sena Ewropea 2010

Hemm ħafna tipi ta' attivitajiet li jistgħu jagħtu kontribut pożittiv lis-Sena Ewropea 2010 (ara l-kapitlu II(7) tal-anness tad-Deċiżjoni). L-iżviluppaturi tal-proġetti qed jiġu mistiedna jkunu kreattivi u innovattivi u jagħmlu l-avvenimenti tagħhom viżibbli ħafna għall-pubbliku fil-mira u konvinċenti mil-lat tal-messaġġi li jagħtu.

Eżempji ta' prassi tajba mis-Snin Ewropej⁴ li għaddew jinkludu:

- strateġija tal-komunikazzjoni ċara u konsistenti fuq il-proġetti li aktarx jilħqu udjenzi ikbar minn dawk involuti direttament;
- l-użu ta' lowgow wieħed tal-UE għall-proġetti kollha, anki għal dawk li ma rċevewx appoġġ finanzjarju mill-baġit nazzjonali tas-Sena Ewropea;

⁴ Is-Sena Ewropea tal-Mobilità tal-Ħaddiema (2006), is-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd (2007), is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali (2008).

- taħlita tajba ta' proġetti b'potenzjal qawwi ta' tixrid tal-messaġġ u attivitajiet li jkunu iktar lokali u marbuta ma' każijiet partikolari.

Skont l-għan tar-**rikonoxximent tad-drittijiet**, is-Sena Ewropea għandha:

- tikkonvinċi lin-nies jagħrfu d-drittijiet fundamentali u l-ħtiġijiet tan-nies fil-faqar;
- tikkoreġi l-isterjotipi tan-nies f'sitwazzjonijiet ta' faqar u esklużjoni, permezz ta' kampanji ta' tagħrif, bix-xandir, u bil-finanzjament ta' proġetti fil-programmi kulturali popolari;
- tgħin lin-nies li jgħixu fil-faqar biex jiddependu iktar fuqhom stess, billi jingħatalhom aċċess għal dħul finanzjarju diċenti u servizzi ta' interessi ġenerali.

Skont l-għan tar-**responsabbiltà kondiviża u l-parteċipazzjoni**, is-Sena Ewropea għandha:

- tiffaċilita d-dibattitu bejn il-pubbliku u l-atturi tas-settur privat biex jegħlbu l-problemi li jżommu lin-nies milli jipparteċipaw: permezz ta' laqgħat, pereżempju, bħal-laqgħa annwali tan-nies Ewropej li jesperjenzaw il-faqar;
- thegġegġ skambji ta' prassi tajba dwar ir-responsabbiltà maqsuma bejn l-Istati Membri fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, u bejn l-amministrazzjonijiet u l-partijiet interessati l-oħra;
- tikkonvinċi lin-negozji u lill-imsieħba soċjali jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jhajar lin-nies lura għax-xogħol.

Skont l-għan tal-**koeżjoni**, is-Sena Ewropea għandha:

- torganizza avvenimenti u kampanji speċifiċi biex jagħtu lill-organizzazzjonijiet u lis-setturi li normalment ma jkunux involuti fil-ġlieda kontra l-faqar, l-opportunità li jtkellmu ma' esperti tal-esklużjoni soċjali;
- tgħin biex tiżdied il-viżibbiltà u l-konsistenza tal-programmi u l-iskemi Komunitarji u nazzjonali għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp sostenibbli u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.

Skont l-għan tal-**impenn u azzjonijiet konkreti**, is-Sena Ewropea għandha:

- issaħħaħ l-impenn tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE favur il-ġustizzja soċjali u l-koeżjoni ikbar. Il-Jum Internazzjonali kontra l-Faqar fis-17 ta' Ottubru 2010 partikolarment, għandu jkollu inizjattivi bi profil għoli bħal Dikjarazzjoni dwar impenn imġedded favur l-eliminazzjoni tal-faqar;

- tiżgura impenn qawwi għall-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti u r-Riżoluzzjoni li tipproklama t-tieni deċennju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Eradikazzjoni tal-Faqar (2008-2017)⁵.

1.2. L-integrazzjoni tas-sessi

Artikolu 4 - *Is-Sena Ewropea għandha tiegħu kont tar-riskji u d-dimensjonijiet tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali esperjenzati min-nisa u l-irġiel. Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-integrazzjoni tas-sessi fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea.*

L-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata fl-attivitajiet kollha tas-Sena Ewropea. Konsegwentement:

- l-azzjonijiet għandhom iqisu r-riskji u l-aspetti partikolari tal-faqar u l-esklużjoni soċjali esperjenzati min-nisa u l-irġiel;
- il-korpi involuti fis-Sena Ewropea 2010 għandhom jagħtu kas tal-bilanċ bejn is-sessi;
- l-aspett tas-sessi fl-esklużjoni u l-faqar għandu jiġi rifless fil-kriterji speċifiċi għall-għażla tal-attivitajiet tas-Sena Ewropea.

1.3. Aċċessibbiltà

Artikolu 3(3) *L-azzjonijiet kollha indirizzati lejn pubbliku usa' għandhom ikunu faċilment aċċessibbli minn kulħadd, inklużi dawk li jesperjenzaw il-faqar u dawk b'diżabilitajiet.*

Is-suċċess tas-Sena Ewropea se jiddependi ħafna fuq in-nies b'esperjenza diretta tal-faqar u tan-nies b'diżabilità. L-għażla tal-attivitajiet tas-Sena Ewropea għandhom iqisu l-aspett tal-aċċessibilità (eż. *il-post xieraq; il-lingwa xierqa; informazzjoni ċara; aċċess indaqs għall-faċilitajiet u s-servizzi, eċċ.*).

1.4. Oqsma prijoritarji tal-politika

Anness – Kapitolu IV

Meta jittieħed kont tan-natura multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u bil-ħsieb li tiġi integrata l-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali f'linji politiċi oħrajn, l-attivitajiet tas-Sena Ewropea għandhom jimmiraw li jipproduċu valur miżjud ċar u jipprovdu komplement effettiv għall-MMK dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali. Dawn l-attivitajiet għandhom għalhekk jiffokaw fuq numru limitat ta' oqsma prijoritarji:

F'konformità mal-analiżi li twettqet u l-prijoritajiet identifikati fir-Rapport Konġunt dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, is-Sena Ewropea għandha tiffoka fuq it-temi li ġejjin:

- *il-promozzjoni ta' strateġiji integrati multidimensjonali għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-faqar, b'mod partikolari faqar estrem, u ta' approċċi li jkunu integrati fl-oqsma kollha tal-politika rilevanti*
- *il-ġlieda kontra l-faqar tat-tfal, inkluża t-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar kif ukoll il-faqar fil-familji, b'attenzjoni speċjali fuq familji kbar, dawk b'ġenitur wieħed u dawk li qed jieħdu ħsieb persuna dipendenti, kif ukoll il-faqar li jiffaċċjaw it-tfal fl-istituzzjonijiet*
- *il-promozzjoni ta' swieq ta' xogħol inklużivi, it-trattament tal-faqar fix-xogħol u l-ħtieġa li x-xogħol ikun irendi*
- *l-eradikazzjoni tal-iżvantaġġi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż taħriġ fil-kompetenza diġitali u l-promozzjoni ta' aċċess indaqs għal kulħadd għall-ICT, b'attenzjoni partikolari fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità*

⁵ Riżoluzzjoni tal-AĠ Nru 62/205, id-19 ta' Diċembru 2007.

- *it-trattament tad-dimensjonijiet tas-sessi u tal-età tal-faqar*
- *l-iżgurar ta' aċċess ugwali għal riżorsi u servizzi adatti, inklużi akkomodazzjoni deċenti, il-ħarsien tas-saħħa u dak soċjali*
- *li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kultura u għal opportunitajiet ta' rilassament*
- *li jiġu megħluba d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali tal-immigranti u ta' minoranzi etniċi*
- *il-promozzjoni ta' approċċi integrati għall-inklużjoni attiva*
- *l-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, persuni mingħajr dar, kif ukoll gruppi oħrajn jew persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli*

Fl-ippjanar tal-attivitajiet tas-Sena Ewropea f'konformità mal-prijoritajiet politiki ta' hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-prijoritajiet u l-isfidi identifikati fir-rapporti nazzjonali tagħhom dwar l-istrateġiji tal-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali. Għandhom jadattaw dawn il-prijoritajiet politiċi għal sitwazzjonijiet, reġjonali u lokali, u jkunu ċerti li jkunu konsistenti reċiprokament.

1.5. Sħubiji mas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati

Anness – Kapitolu IV - Fid-dawl tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni għandha tiġi integrata fil-prijoritajiet kollha.

L-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea ħarsu konsistentement lejn il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, inklużi n-nies u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw in-nies li qed jiffaċċjaw l-esklużjoni, bħala waħda mill-għanijiet ċentrali tal-politiki tal-inklużjoni soċjali. L-Istati Membri qed jintalbu biex fir-rapporti tagħhom dwar l-istrateġiji nazzjonali tal-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali, jirrappurtaw dwar x'qed jagħmlu għal dan il-għan.

Is-Sena Ewropea 2010 għandha tistimola l-użu tal-metodi tal-parteċipazzjoni u tgħin fl-iżvilupp ta' mudelli u strumenti parteċipattivi għall-gruppi żvantaġġati.

Bħala standard minimu, il-Kummissjoni temmen li l-proċess tal-konsultazzjoni għandu:

- jipprovdi l-livell tajjeb ta' ċarezza u informazzjoni dwar il-miri tas-Sena Ewropea u l-mod kif titħejja u titmexxa, inklużi artikli fir-rivisti u l-websajts dwar l-inklużjoni soċjali;
- jibda malajr kemm jista' jkun biex jippermetti lill-partijiet interessati jikkonsultaw is-sħubija tagħhom fi żmien aċċettabbli;
- jipproponi metodi ta' ħidma xierqa biex ikun żgurat djalogu miftuħ bejn il-gruppi varji.

2. Ġestjoni u koordinazzjoni fil-livell nazzjonali

2.1. Il-Korpi Implimentattivi Nazzjonali

Artikolu 6(1) - Kull Stat Membru għandu jaħtar "Korp Implimentattiv Nazzjonali" biex jorganizza l-parteċipazzjoni tiegħu fis-Sena Ewropea u jiżgura koordinament fil-livell nazzjonali (...).

Il-Korpi Implimentattivi Nazżjonali għandhom rwol doppju: biex imexxu l-finanzjament Ewropew fl-arranġament ċentralizzat ta' ġestjoni indiretta, u biex imexxi s-Sena Ewropea fil-livell tal-pajjiżi, inkluż il-ħolqien ta' sħubiji ma' atturi istituzzjonali u tas-soċjetà ċivili.

Xi pajjiżi jistgħu jsibu diffikultajiet fil-ħatra ta' korp implimentattiv nazżjonali b'dawn iż-żewġ karatteristiċi u f'dan il-każ tista' tiġi stabbilita kooperazzjoni *ad hoc* bejn żewġ korpi pubbliċi.

2.1.1. *Ġestjoni tal-baġit*

Id-Deċiżjoni tipprovdi għal sistema ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta li se tiġi implimentata fil-livell nazżjonali permezz tal-korpi implimentattivi nazżjonali. Din it-tip ta' proċedura hija partikolarment adatta għall-programmi wiesa' li jirrikjedu l-prossimità mal-benefiċjarji aħħarija u, fil-każ tal-miżuri simultanji fil-livell nazżjonali, l-użu ta' arranġamenti kkoordinati. Barra minn hekk, din l-għamla ta' ġestjoni tuża aħjar ir-riżorsi eżistenti fl-Istati Membri. Dan għandu jżid il-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet tal-Istati Membri u x-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-UE, u jgħin biex jiġu żviluppatti sinerġiji ikbar bejn iż-żewġ livelli.

Sabiex ma jkunx hemm proċedura kumplessa tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni taħseb li l-Istati Membri għandhom jaħtru korp implimentattiv nazżjonali biex jieħu ħsieb it-tmexxija tal-fondi tal-UE.

Bil-ħatra ta' korp implimentattiv nazżjonali, l-Istati Membri jiżguraw lill-Kummissjoni li se jimpenjaw ruħhom li jħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, ma jħallux li jsiru irregolaritajiet li jaffettwaw il-fondi Komunitarji u, jekk ikun il-każ, li jieħdu miżuri xierqa għar-rimbors sħiħ tal-fondi Komunitarji kollha li jitħallsu irregolarment.

Id-dmirijiet iddelegati lill-korpi implimentattivi nazżjonali se jikkonsistu primarjament f'dan li ġej:

- it-tnejn u t-tnejn ta' sejħiet għall-proposti/offerti;
- il-valutazzjoni u l-għażla tal-applikazzjonijiet u l-offerti tal-ġhotjiet;
- l-ġhoti ta' ġhotjiet u kuntratti;
- l-iffirmar ta' ftehimiet tal-ġhotjiet u l-kuntratti;
- il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-obbligi kuntrattwali;
- l-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet u l-ġhoti ta' kull ordni ta' rkupru;
- ir-rappurtar lill-Kummissjoni.

2.1.2. *Organizzazzjoni Prattika tas-Sena*

Id-dmirijiet ewlenin tal-korpi implimentattivi nazżjonali huma li jiddefinixxu, jimplementaw, jimmonitorjaw u jivvalutaw il-programmi nazżjonali għas-Sena Ewropea 2010, sabiex ikun żgurat li l-azzjoni tkun adatta tajjeb għal-livell tal-pajjiż. Din il-parti hija essenzjali biex is-Sena tkun suċċess għan-nies fil-mira.

Jeħtieġ jingħataw tipi differenti ta' esperjenza u għarfien espert. L-esperjenza fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali se tkun element importanti. Ikun ta' vantaġġ jekk ikun hemm relazzjonijiet mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tax-xandir.

2.2. Il-programmi nazzjonali

L-għan hu li l-għanijiet tas-Sena Ewropea jiġu applikati għar-realtà u l-ħtiġijiet ta' kull pajjiż, abbażi ta' analiżi tal-isfidi li qed jiffaċċja kull pajjiż fir-rigward tal-prijoritajiet tal-inklużjoni soċjali. Il-pajjiż parteċipanti għandu jindika kif biħsiebu jwieġeb għal dawn l-isfidi, skont il-prinċipji ta' gwida u l-għanijiet tas-Sena Ewropea 2010.

Id-deċiżjoni li tistabilixxi s-Sena Ewropea 2010 tirrikjedi li l-korpi implimentattivi nazzjonali jfasslu programmi nazzjonali għas-Sena Ewropea f'koordinazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati.

L-istruttura proposta għall-programm nazzjonali tinstab fl-Anness 1.

2.2.1. Linji ta' gwida għall-programm

Il-Kummissjoni tipproponi li l-linji ta' gwida li ġejjin japplikaw għall-programmi nazzjonali.

- Konsistenza mal-istrategġiji nazzjonali għall-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali.

Anness- Kapitolu II – punt 3 - Bi tweġiba għad-Dokument ta' Qafas Strateġiku, kull Korp Implimentattiv Nazzjonali, wara li jikkonsulta s-soċjetà ċivili, se jipproduċi Programm Nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea, b'koordinazzjoni mill-qrib u konsistenti mal-Istrategġiji Nazzjonali dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali.

Il-programmi nazzjonali għandhom ikunu allinjati mill-qrib mal-Istrategġiji Nazzjonali għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, u b'mod partikolari mal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-inklużjoni soċjali. Iċ-ċiklu triennali l-ġdid għall-2008-2010 jagħti lill-Istati Membri l-opportunità ideali biex jindikaw kif biħsiebhom jintegraw l-għanijiet tas-Sena Ewropea fl-istrategġiji triennali tagħhom.

- Mobilizzazzjoni tal-attenzjoni politika u inkoraġġiment ta' parteċipazzjoni usa'.

Premessa 20 - Ta' importanza essenzjali għall-impatt pożittiv tal-azzjoni Komunitarja fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija kemm din tgawdi minn appoġġ popolari u politiku wiesa'. (...) Hija għandha tgħin biex tiffoka l-attenzjoni politika u timmobilizza lil kull min hu kkonċernat sabiex jiġi avvanzat u msaħħaħ il-MMK dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali kif ukoll biex ikunu promossi aktar azzjonijiet u inizjattivi fil-livell Komunitarju u nazzjonali f'dak il-qasam, flimkien mal-persuni affettwati mill-faqar u r-rappreżentanti tagħhom.

Il-programmi nazzjonali għandu jkollhom profil għoli, biex jgħinu fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali. Is-Sena Ewropea 2010 tista' wkoll tiddistingwi biċ-ċar ir-rwol tal-korpi rappreżentattivi, inkluż il-parlamenti u l-assemblej nazzjonali u reġjonali.

Is-Sena Ewropea għandha tenfasizza r-rwol tal-Unjoni Ewropea ("L-UE tista' tagħmel differenza") u tippubbliċizza l-impatt li diġà kellha fl-oqsma prijoritarji ewlenin. Huwa rakkomandat ħafna li jittieħed vantaġġ mill-prassi

tajba f'partijiet oħra tal-UE, kif ukoll it-tagħlimiet mir-reviżjonijiet esperti li jsiru fi ħdan il-metodu soċjali miftuħ ta' koordinazzjoni.

- L-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-faqar f'politiki oħra.

Annex – Kapitolu IV - Meta jittieħed kont tan-natura multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u bil-ħsieb li tiġi integrata l-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali f'linji politiċi oħrajn, l-attivitajiet tas-Sena Ewropea għandhom jimmiraw li jipproduċu valur miżjud ċar u tipprovdi komplement effettiv għall-MMK dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali.

Huwa rakkomandat ħafna approċċ multidimensjonali u integrat għall-faqar u l-esklużjoni, eż. rabtiet mal-opportunitajiet indaqs, l-antidiskriminazzjoni, l-inklużjoni tal-persuni Roma, l-aspetti tas-sess u l-età, il-politika finanzjarja u dik ekonomika, is-saħħa, eċċ. Il-Programmi Nazzjonali jista' jkollhom rwol ewlieni fit-tqegħid tal-inklużjoni soċjali fil-qalba tal-aġenda politika nazzjonali.

2.2.2. *Komplementarjetà⁶*

Artikolu 10 - Barra minn dan, huma għandhom jiżguraw li s-Sena Ewropea tikkomplimenta bis-šħiħ l-inizjattivi u r-riżorsi Komunitarji, nazzjonali u reġjonali eżistenti, fejn ikunu jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet tas-Sena Ewropea.

Skont l-għanijiet tas-Sena Ewropea 2010, il-Korpi implimentattivi nazzjonali għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti rabtiet xierqa mal-oqsma u l-atturi politiċi l-oħra, inkluż programmi nazzjonali tal-Istrateġija ta' Liżbona 2008-2010, il-Fondi Strutturali, u l-iżvilupp sostenibbli u l-kooperazzjoni fl-iżvilupp.

2.2.3. *L-istrateġija tal-komunikazzjoni u l-gruppi fil-mira*

Kull programm nazzjonali għandu jistipula l-istrateġija tal-komunikazzjoni kumplessiva għas-Sena Ewropea 2010. Il-gruppi fil-mira se jkun l-pubbliku ġenerali, il-persuni li qed jaffaċċjaw il-faqar u l-esklużjoni, u gruppi soċjali u istituzzjonijiet oħra f'qagħda li jinfluwenzaw u jkollhom impatt fuq il-politika tal-inklużjoni soċjali (eż. l-imsieħba soċjali, politiċi, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, mexxejja fin-negozju, persuni li jħaddmu, għaqdiet tax-xandir u għaqdiet tas-soċjetà ċivili), b'enfasi partikolari fuq dawk li normalment ma jkunux involuti direttament fil-kwistjoni tal-faqar.

Il-programmi nazzjonali għandhom ukoll jiżviluppaw u jsaħħu d-djalogu max-xandir.

Il-programmi nazzjonali jistgħu jiffukaw l-attivitajiet tagħhom fuq gruppi jew kwistjonijiet partikolari skont il-pjan ta' azzjoni nazzjonali tagħhom għall-inklużjoni soċjali u l-prijoritajiet stipulati fid-Deċiżjoni. Madankollu, huwa importanti li l-programmi nazzjonali jinnominaw biċ-ċar il-grupp(i) fil-mira għal kull azzjoni jew grupp ta' azzjonijiet.

⁶ Dawn jinkludu: il-programm PROGRESS, il-Fondi Strutturali, partikolarment il-Fond Soċjali Ewropew, u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD), azzjoni biex tiġġieled id-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet fundamentali, u azzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, djalogu kulturali u interkulturali, iż-żgħażaġh, iċ-ċittadinanza, l-immigrazzjoni u l-ażil, u r-riċerka.

2.3. Konsultazzjoni dwar il-programmi nazzjonali u l-monitoraġġ tagħhom

Artikolu 6(3) - Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, b'mod partikolari fit-tfassil tal-Programm Nazzjonali u kull meta jkun xieraq waqt l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea, il-Korp Implimentattiv Nazzjonali għandu jikkonsulta u jikkoopera mill-qrib ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati rilevanti, inklużi għaqdiet tas-soċjetà ċivili u għaqdiet li jiddefendu jew jirrappreżentaw l-interessi ta' dawh li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-imsieħba soċjali, u l-awtoritajiet reġjonali u lokali.

Fejn jeżistu, l-istandards nazzjonali għad-djalogu ċivili għandhom jintużaw bħala punt ta' referenza.

L-atturi jistgħu jinkludu:

- korpi pubbliċi rilevanti; rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-gvern nazzjonali, reġjonali u lokali;
- l-għaqdiet tas-soċjetà ċivili u l-għaqdiet li jiddefendu jew jirrappreżentaw l-interessi ta' dawh li jesperjenzaw l-esklużjoni soċjali, inkluż il-parteċipazzjoni diretta tagħhom;
- l-imsieħba soċjali, il-fornituri tas-servizzi soċjali;
- l-għaqdiet tal-utenti, is-settur tal-volontarjat.

Il-korpi implimentattivi nazzjonali jistgħu jitolbu pariri jew kuntatti min-netwerks ewlenin fil-livell Ewropew li jkunu attivi fil-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali b'esperjenza ppruvata mal-persuni li jgħixu fil-faqar.

Il-kriterji għall-għażla tal-partijiet interessati jiġu ppubblikati, flimkien mal-lista ta' partijiet interessati involuti. Bħal fil-livell tal-UE, dawn il-kriterji jistgħu jinkludu:

- il-ħila ta' dawn l-għaqdiet li jirrappreżentaw, jipromwovu u jiddefendu d-drittijiet u l-interessi tal-persuni li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali;
- il-ħila tagħhom li jiġbru u jimmobilizzaw membri minn pajjiżi differenti;

Kriterju essenzjali wieħed li fil-konfront tiegħu l-Kummissjoni se tevalwa l-programmi nazzjonali ppreżentati mill-Korpi implimentattivi nazzjonali, se jkun livell xieraq ta' konsultazzjoni skont l-istandards stipulati fit-Taqsima 1.5. F'konformità mal-għanijiet tas-Sena Ewropea 2010, se jkun hemm konsultazzjoni u kooperazzjoni regolari fl-istadji kollha mill-ippjanar, waqt l-implimentazzjoni nnifisha u fl-aħħar nett fil-fażi tal-valutazzjoni, biex ikun żgurat impatt effettiv fil-livell nazzjonali u dak subnazzjonali.

Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-korpi implimentattivi nazzjonali jispiraw ruħhom mill-“varjabbli tal-involvement tal-atturi” stabbiliti matul reviżjoni esperta dwar “Il-Forum tal-Inklużjoni Soċjali tal-PNA” fl-Irlanda f'Novembru 2007⁷.

⁷ <http://www.peer-review-social-inclusion.net/peer-reviews/2007/the-napinclusion-social-inclusion-forum/pr-ie-synthesis-report-en>.

3. Ġestjoni u koordinament fil-livell Ewropew

3.1. Ir-rwol tal-Kummissjoni

Id-Deċiżjoni li toħloq is-Sena Ewropea 2010 ddeċidiet li taħlita ta' attivitajiet ċentralizzati u deċentralizzati tkun l-aħjar għażla, filwaqt li żammet il-flessibilità biex takkomoda l-ispeċifitajiet nazzjonali.

Madankollu, huwa importanti li għas-Sena Ewropea 2010 tinżamm dimensjoni u identità Ewropea qawwija. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni:

- se tkun il-katalista biex thegħeġ l-involvement u l-impenn politiku mill-UE u l-Istati Membri;
- se tiffaċilità l-aktar parteċipazzjoni xierqa, inkluż tal-gruppi l-aktar vulnerabbli;
- se tmexxi kampanja ta' tagħrif u xandir fejn se tgħin lill-korpi implimentattivi nazzjonali jmessu l-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħhom;
- se tipprovdi lill-korpi implimentattivi nazzjonali b'għajnuna teknika u pariri;
- se timmonitorja l-koerenza tal-attivitajiet kollha, fit-tnejn u wkoll fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea 2010;
- se twettaq eżerċizzju kontinwu ta' valutazzjoni.

3.2. Il-Kumitat Konsultattiv

Fil-ġestjoni u l-koordinament tal-attivitajiet tas-Sena Ewropea 2010, il-Kummissjoni se tkun meġhuna minn Kumitat Konsultattiv, magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri maħtura minn kull Korp implimentattiv nazzjonali u ppresjedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni (l-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni).

Il-Kummissjoni se torganizza l-laqqgħat tal-kumitat. Huwa pplanat li jsiru ħames laqqgħat: tnejn fl-2009, tnejn fl-2010 u l-aħħar laqqgħa fl-2011.

Il-prinċipji u l-kundizzjonijiet tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti applikabbli għall-Kummissjoni għandhom japplikaw għall-kumitat. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat regolarment mill-Kummissjoni dwar il-proċedimenti tal-kumitat.

3.3. Assoċjazzjoni tal-Kumitat tal-Ħarsien Soċjali u kumitati oħra

Il-Kumitat tal-Ħarsien Soċjali se jkun assoċjat mat-tnejn u l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea 2010 permezz ta' skambju regolari tal-fehmiet.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri – f'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv tas-Sena Ewropea – se jżomm lill-Kumitat tal-Ħarsien Soċjali infurmat dwar l-attivitajiet ewlenin (il-kampanja bix-xandir; l-avvenimenti ewlenin, eċċ.) biex tkun garantita l-ikbar konsistenza possibbli mal-PNA tal-Inklużjoni u l-aktar impatt effettiv ta' dawn l-attivitajiet.

Il-Kummissjoni se tidentifika wkoll kumitati oħra rilevanti li għandhom jiġu infurmati jew involuti fl-ippjanar tal-attivitajiet.

3.4. Sħubiji fil-livell Ewropew

L-istituzzjonijiet Ewropej – u partikolarment il-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – u l-aġenziji, qed jiġu mistiedna jkollhom rwol attiv fis-Sena.

Il-Kummissjoni se tiżviluppa wkoll sħubiji ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-UE li huma attivi fil-qasam u partijiet interessati oħra fil-livell tal-UE fir-rigward tal-inizjattivi u d-deċiżjonijiet ewlenin. Il-laqgħat tal-partijiet interessati tal-UE jsiru qabel kull laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv.

4. Finanzjament u appoġġ mhux finanzjarju

4.1. Finanzjament

Ġie allokat total ta' EUR 17-il miljun għas-Sena Ewropea 2010 mill-baġit tal-UE, li minnhom massimu ta' EUR 9 miljun se jintużaw għal attivitajiet fl-Istati Membri. Dan l-aħħar ammont għandu jiġi miżjud b'kofinanzjament indaqs jew iktar mill-Istati Membri. Għaldaqstant, madwar EUR 18-il miljun għandhom ikunu disponibbli għall-attivitajiet nazzjonali.

Is-sehem ta' kull Stat Membru ġie kkalkulat proviżorjament fuq il-bażi tad-drittijiet tiegħu tal-vot fil-Kunsill u aġġustat biex jiggarantixxi appoġġ minimu ta' EUR 120 000 lill-Istati Membri kollha. Konsegwentement, il-baġits ivarjaw minn EUR 120 000 għal madwar EUR 750 000 (ara l-anness 2). L-ammont finali jista' jvarja kemxejn billi l-parteċipazzjoni addizzjonali minn pajjiżi oħra elenkati fl-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tibdel il-baġit u wkoll it-tqassim.

Il-finanzjament tal-UE se jkopri massimu ta' 50 % tal-ispejjeż totali eliġibbli. Il-kofinanzjament nazzjonali għandu jkun daqs il-finanzjament tal-UE b'mill-inqas 50 % u jista' jiġi minn sorsi pubbliċi jew privati (eż. fondazzjonijiet jew negozji privati).

Ir-regola tal-50 % kofinanzjament se tapplika għall-ispejjeż eliġibbli totali kkonsolidati, jiġifieri l-proġetti tal-programm nazzjonali kollha (inkluż l-ispejjeż amministrattivi tal-korpi implimentattivi nazzjonali) meħuda flimkien u mhux individwalment.

Fil-livell Ewropew, il-finanzjament (EUR 8 miljun b'ġestjoni diretta) se jkun fl-għamla ta':

- ix-xiri ta' prodotti u servizzi (eż. il-kampanja tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; il-valutazzjoni esterna tas-Sena Ewropea);
- għotjiet mogħtija għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti speċjali fil-livell Ewropew biex tiġi enfasizzata u titqajjem kuxjenza dwar is-Sena Ewropea. Dawn l-għotjiet ma għandhomx jaqbu t-80 % tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-avvenimenti.

Il-Kummissjoni se tenfasizza l-importanza tal-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-NGOs kollha, inklużi organizzazzjonijiet żgħira u ta' daqs medju. Bil-għan li jiżguraw l-aktar aċċess wiesa' possibbli, il-korpi implimentattivi nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li ma jitolbux kofinanzjament minn NGOs responsabbli għall-implimentazzjoni u minflok jiffinanzjaw bis-sħiħ ċerti azzjonijiet individwali.

4.2. Appoġġ mhux finanzjarju

L-attivitajiet li ma jirċevux finanzjament jistgħu jkunu permessi u mħeġġa jużaw il-lowgow tas-Sena Ewropea 2010 jekk jissodisfaw bis-sħiħ l-għanijiet tas-Sena Ewropea.

Fil-livell nazzjonali, dan l-appoġġ se jingħata lill-korpi implimentattivi nazzjonali għal inizjattivi meħuda mill-pubbliku jew għaqdiet privati fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, sakemm il-promoturi ta' dawn l-inizjattivi juru li l-attivitajiet:

- se jsiru fil-perjodu tas-Sena Ewropea 2010 (bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2010);
- se jgħinu biex jintlaħaq wieħed jew iktar mill-għanijiet tas-Sena Ewropea;
- huma konformi mal-istrateġija nazzjonali, kif definita fil-programmi nazzjonali.

L-attivitajiet jew l-avvenimenti fil-livell tal-UE li jkollhom dimensjoni Ewropea jew karattru tranżnazzjonali qawwija, jew iseħħu f'pajjiżi mhux parteċipanti, jistgħu wkoll ikunu eliġibbli għal appoġġ mhux finanzjarju. Dawn jirċievu awtorizzazzjoni bil-miktub biex jużaw il-lowgow u jistgħu jitolbu materjal marbut mas-Sena Ewropea 2010, sakemm iżommu mal-istess regoli msemmija hawn fuq.

5. Praktikalitajiet

5.1. Programmi nazzjonali fil-prattika

5.1.1. *Struttura proposta għall-programm nazzjonali*

L-istruttura proposta li għandha tiġi segwita fit-tfassil tal-programmi nazzjonali tinstab fl-Anness I.

Il-Programm Nazzjonali – ta' massimu ta' 10 paġni – għandu jiddeskrivi:

1. Il-kuntest nazzjonali u l-isfidi li għandhom jiġu megħluba: il-kwistjonijiet ewlenin fil-pajjiż fir-rigward tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali għall-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali (inkluż il-PNA). Dan jista' jinkludi deskrizzjoni qasira tal-istrutturi amministrattivi fis-seħħ għas-Sena Ewropea u l-impatt u r-riżultati relatati mistennija mill-attivitajiet ippjanati.
2. Il-prijoritajiet nazzjonali għas-Sena Ewropea 2010 u kif jissodisfaw l-erba' għanijiet ewlenin (ir-rikonoxximent tad-drittijiet, ir-responsabbiltà kondiviża u l-parteċipazzjoni, il-koeżjoni, l-impenn u l-azzjoni konkreta). Azzjonijiet kreattiva li jinvolvu lin-nies li jbatu l-faqar għandhom jitħeġġu.
3. L-istrateġija sħiħa tal-komunikazzjoni, inkluż l-avveniment nazzjonali tal-ftuħ u websajt iddedikata f'kull pajjiż.
4. Konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati: Dawk li ġew ikkonsultati fit-tfassil tal-programm, kif u meta ġew ikkonsultati u kif se jkunu involuti fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-programm.
5. L-arranġamenti ewlenin għall-implimentazzjoni: sejħa għall-proposti, il-proċedura tal-għażla, il-kriterji tal-għażla, eċċ., u skeda indikattiva.
6. Baġit indikattiv bil-kofinanzjament tal-UE u dak nazzjonali.
7. Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-attivitajiet tas-Sena Ewropea.

5.1.2. *Il-valutazzjoni tal-programmi nazzjonali*

Il-Kummissjoni se tevalwa l-programmi nazzjonali fil-konfront tal-prinċipji stipulati fid-Deċiżjoni kif ukoll fil-konfront tal-linji ta' gwida stipulati f'dan id-dokument. B'mod partikolari, għandhom:

- jaqblu mal-istruttura u l-linji ta' gwida miftiehma fid-Dokument ta' Qafas Strateġiku;
- ikunu konsistenti mal-għanijiet (rikonoxximent tad-drittijiet; responsabbiltà kondiviża u parteċipazzjoni; koeżjoni; impenn u azzjoni konkreta) fid-Deċiżjoni;
- iqisu l-aspett tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-aċċessibilità tal-attivitajiet ipplanati, inkluż għal nies li jesperjenzaw il-faqar u persuni bid-diżabilitajiet;
- ikunu preċeduti b'konsultazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti;
- jintegraw l-element tal-parteċipazzjoni fil-prijoritajiet magħżula kollha;
- jipprovdu l-informazzjoni dwar il-komplementarjetà tal-inizjattivi proposti previsti bl-inizjattivi u r-riżorsi tal-UE, u dawk nazzjonali u sottonazzjonali.

Il-Kummissjoni mbagħad taċċetta jew tapprova fuq il-kundizzjoni tal-emendi.

Il-Programm Nazzjonali se jkun il-qafas għal-azzjonijiet dettaljati fil-proposta għal kontribut tal-UE skont il-ftehim tad-delegazzjoni mibgħuta mill-korp implimentattiv nazzjonali lill-Kummissjoni Ewropea għall-kofinanzjament.

(Premessa 22) Il-livelli differenti ta' progress li jkun sar fil-livell nazzjonali u d-differenzi fil-kuntesti u s-sensitivitajiet soċjo-ekonomiċi u kulturali nazzjonali, jitolbu li parti konsiderevoli tal-attivitajiet tas-Sena Ewropea jkunu ddeċentralizzati fil-livell nazzjonali, permezz ta' sistema ta' amministrazzjoni ċentralizzata indiretta skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu.

5.1.3. *Arranġamenti prattiċi*

Ara l-pjan, l-anness 3

- *Data tas-sottomissjoni*: il-programmi nazzjonali għandhom jingħataw lill-Kummissjoni mill-korpi implimentattivi nazzjonali sal-15 ta' Mejju 2009.
- *Lingwa*: sabiex jiġu ffaċilitati l-eżami, l-adozzjoni u l-proċess tad-disseminazzjoni fl-Istati Membri kollha u l-partijiet interessati kollha, il-Kummissjoni qed titlob li l-programm nazzjonali jingħata fil-lingwa(i) nazzjonali flimkien ma' verżjoni bl-Ingliż jew bil-Franċiż.
- Il-Kummissjoni tapprova (bir-rimarki jew mingħajrhom) jew tirrifjuta parzjalment jew kompletament il-programm fi żmien xahar minn meta jasal. Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Korpi implimentattivi nazzjonali. L-iskadenza għat-tweġibiet jew l-ikkuntestar se tiffissah hi.
- Il-ftehimiet tad-delegazzjoni se jiġu ffirmati bejn il-Kummissjoni u kull korp implimentattiv nazzjonali f'Jannar 2010, fuq il-bażi ta' talba speċifika ta' finanzjament li tagħtu d-dettalji tal-azzjonijiet individwali li għandhom jiġu ffinanzjati.

- *Pubblikazzjoni*: ladarba jiġi adottat, kull programm nazzjonali jiġi ppubblikat fil-websajt tas-Sena Ewropea 2010. Barra minn hekk, kull pajjiż parteċipanti huwa mħeġġeġ ikattar iktar trasparenza u viżibilità billi jipubblicizza l-programm nazzjonali b'mod xieraq fil-livell nazzjonali. Il-programmi nazzjonali se jkunu mistennija jidhru fuq websajt maħluqa għall-okkażjoni, jew għallinqas fuq paġna tal-internet maħluqa speċifikament għas-Sena Ewropea 2010 u li tidher fil-websajt nazzjonali.

5.2. Ġestjoni amministrattiva u finanzjarja

5.2.1. *Il-proċedura tal-ġestjoni*

Id-Deċiżjoni tipprovdi għal sistema ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta li se tiġi użata fil-livell nazzjonali. Din il-proċedura se titmexxa mill-korpi implimentattivi nazzjonali, f'konformità ma':

- l-Artikoli 54(2)c u 56(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ir-Regolament Finanzjarju)⁸ u.
- l-Artikoli 35 sa 41 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ir-Regoli tal-Implimentazzjoni)⁹.

Fil-prattika, is-sehem mill-baġit se jitmexxa b'mod ċentralizzat indirett u l-Kummissjoni tiddelega l-implimentazzjoni tal-baġit lill-korpi implimentattivi nazzjonali. Għalhekk, il-korpi implimentattivi nazzjonali huma marbuta mir-regoli tar-Regolament Finanzjarju għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE.

Il-qafas legali għad-delegazzjoni tal-kompiti lill-korpi implimentattivi nazzjonali jispeċifika l-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti, jiġifieri li l-korp propost għandu:

- ikun korp nazzjonali tas-settur pubbliku;
- ikun soġġett għal-liġi tal-Istat Membru kkonċernat;
- jipprovdi garanziji finanzjarji xierqa;
- ikun implimenta, qabel ma jibda dan ix-xogħol, sistemi interni ta' kontroll, sistemi tal-kontabilità u proċeduri tal-għoti tal-għotjiet kif ukoll proċeduri ta' akkwist pubbliku;

⁸ (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1) kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9) - <http://eurlex.europa.eu/LexUriServ/site/en/consleg/2002/R/02002R1605-20070101-en.pdf>.

⁹ (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1) kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 478/2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13) - <http://eurlex.europa.eu/LexUriServ/site/en/consleg/2002/R/02002R1605-20070501-en.pdf>.

- ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta' ġestjoni finanzjarja tajba kif stipulati fl-Artikolu 56 tar-Regolament Finanzjarju, l-eżistenza u l-operat tajjeb ta' sistema ta' verifika indipendenti; sistemi interni ta' kontroll, inkluż is-segregazzjoni tad-dmirijiet tal-awtorizzazzjoni tal-infiq u l-kontabilità; sistemi tal-kontabilità li jippermettu lill-Kummissjoni li tivverifika l-użu tal-fondi; u proċeduri trasparenti tal-akkwist u l-ġhoti ta' għotjiet li ma jkunux diskriminatorji, li jeskludu kull kunflitt ta' interessi u li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Titoli V u VI tar-Regolament Finanzjarju rispettivament, u jipprovdi pubblikazzjoni annwali *ex-post* adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi mill-baġit, f'konformità mal-Artikolu 30(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-korpi implimentattivi nazzjonali jeħtieġ ikollhom baġit speċifiku u biżżejjed riżorsi umani biex jiżviluppaw l-attivitajiet tas-Sena Ewropea 2010. Biex ikun żgurat li jkun hemm biżżejjed appoġġ politiku għall-attivitajiet tas-Sena Ewropea, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw livell xieraq ta' anzjanità fost l-istaff tal-korpi implimentattivi nazzjonali.

Biex il-valutazzjoni tal-korpi implimentattivi nazzjonali tkun eħfef, il-Kummissjoni tirrakkomanda bis-saħħa li l-korpi implimentattivi nazzjonali jkunu korpi li diġà jkunu ffirmaw konvenzjoni mal-Kummissjoni biex immexxu fondi oħra tal-UE għal programmi bħall-Fondi Soċjali Ewropej jew programmi oħra tal-UE mmexxija b'arranġamenti ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta (eż. l-aġenziji nazzjonali għat-tagħlim tul il-ħajja jew korpi intermedji marbuta mal-Komunikazzjoni tal-UE...)

5.2.2. *Sejħiet għall-proposti u sejħiet għall-offerti*

Il-korpi implimentattivi nazzjonali – bl-appoġġ tal-Kummissjoni - għandhom iħejju l-passi differenti għall-għażla tal-attivitajiet bħala parti mill-Programm Nazzjonali, permezz ta' sejħiet għall-proposti u sejħiet għall-offerti li għandhom jiġu ppubblikati madwar Ġunju 2009. Il-kriterji tal-eliġibilità, tal-għażla u tal-ġhoti se jiġu stipulati skont ir-regoli Komunitarji.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu pproċessati u l-proġetti għandhom jintgħażlu sa tmiem Ottubru 2009.

5.2.3. *L-applikazzjoni kif għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni?*

Anness – Kapitolu II – punti 4, 5 u 6 - *Dik l-applikazzjoni għall-ġhotja se tiddekrivi l-Programm Nazzjonali u l-prijoritajiet għas-Sena Ewropea, u l-azzjonijiet proposti għall-finanzjament. L-applikazzjoni għall-ġhotja ser tkun akkumpanjata minn baġit dettaljat li jfassal l-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti u l-ammont u s-sorsi tal-kofinanzjament. (...)*

Ir-rilaxx ta' għotjiet globali lil pajjiżi parteċipanti se jiddependi minn kemm ikunu ntlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 u żviluppali fid-Dokument ta' Qafas Strateġiku fil-Programm Nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea.

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-applikazzjonijiet għall-finanzjament Komunitarju ppreżentati mill-Korpi implimentattivi nazzjonali, inkluż billi tiġi eżaminata l-konformità taqgħom mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2 (...). Jekk ikun neċessarju, il-Kummissjoni ser titlob modifiki għall-applikazzjonijiet.

Ladarba l-korp implimentattiv nazzjonali jkun magħżul u l-Programm Nazzjonali jkunu ġie approvat mill-Kummissjoni, kull korp implimentattiv nazzjonali għandu jibgħat proposta formali għal somma ta' flus li tingħata mill-Kummissjoni biex tintuża mill-Korp implimentattiv nazzjonali skont ftehim ta' delegazzjoni.

Dan għandu jiddeskrivi l-programm nazzjonali u l-prijoritajiet. Għandu jispjega l-proċeduri għall-għoti tal-għotjiet individwali jew il-kuntratti u jinkludi stima tal-għadd tal-attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati. Għandhom jingħataw ukoll skeda u baġit proviżorju.

Il-baġit għandu jsemmi l-oriġini u l-għamla tal-kofinanzjament nazzjonali (minimu ta' 50 %). Dan il-kofinanzjament għandu jiġi ggarantit fi flus. Dan iffisser dħul effettiv, u flussi finanzjarji li jistgħu jiġu ttraċċati fil-kontijiet miktuba ta' kull korp implimentattiv nazzjonali, l-imsieħba tiegħu jew partijiet terzi. Konsegwentement, il-kontributi in natura bħall-provvista ta' prodotti jew servizzi lill-korpi implimentattivi nazzjonali mingħajr ħlas minn parti terza, mhumiex aċċettabbli. Madankollu, il-pagi tal-ħaddiema taċ-ċivil imħallsa minn amministrazzjoni pubblika, jew lill-impjegati ta' kumpaniji jew organizzazzjonijiet assenjati lill-proġett, jitqiesu bħala kontribut fi flus, billi dan iwassal għal infiq li jista' jiġi identifikat mingħajr problemi fil-kontijiet tal-amministrazzjonijiet jew tal-organizzazzjonijiet ikkonċernati u li jistgħu jiġu vverifikati *ex-post*, mingħajr limitu fuq id-dejta personali. L-istess ammont għandu jiġi rrapportat ukoll bħala nfiq.

Jekk jingħata kofinanzjament minn parti terza, għandha tintbagħat ittra li tikkonferma l-ammont u s-sors mill-Korpi implimentattivi nazzjonali.

Il-proġetti għandhom jintgħażlu għall-finanzjament bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2010. Skont ir-Regolament Finanzjarju, l-ispejjeż imġarrba **qabel titressaq** l-applikazzjoni mill-korpi implimentattivi nazzjonali ma jkunux eliġibbli. Il-ftehimiet tad-delegazzjoni mhux se jiġu ffirmati mill-Kummissjoni qabel Jannar 2010 billi se jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE tal-2010.

5.2.4. *L-iffirmar tal-ftehimiet tad-delegazzjoni?*

Biss ladarba jiġi ffirmat il-ftehim tad-delegazzjoni, il-Kummissjoni titqies li tkun approvat l-ispejjeż inklużi fil-proposta tal-korpi implimentattivi nazzjonali: Sempliment il-wasla tal-proposta tal-korpi implimentattivi nazzjonali mill-Kummissjoni ma għandhiex titqies bħala approvazzjoni. L-iffirmar tal-ftehimiet tad-delegazzjoni għandu jsir malajr kemm jista' jkun u probabbilment fl-ewwel ftit ġimgħat tal-2010.

5.2.5. *Pagamenti*

Wara l-iffirmar tal-ftehim tad-delegazzjoni, il-Kummissjoni tagħmel pagament ta' qabel il-finanzjament ta' 80 % tal-istima tat-total tal-finanzjament tal-KE. Dan il-pagament għandu jsir fi Frar 2010.

L-aħħar pagament għandu jsir wara li l-azzjonijiet kollha elenkati fil-Programmi Nazzjonali jkunu ġew implimentati u rrapportati lill-korpi implimentattivi nazzjonali. Imbagħad il-korp implimentattiv nazzjonali għandu jibgħat **ir-rapport finali dwar is-Sena Ewropea sal-31 ta' Marzu 2011**.

6. Monitoraġġ u valutazzjoni

6.1. Monitoraġġ

6.1.1. Livell Ewropew

Il-Kummissjoni se torganizza l-monitoraġġ kemm tal-azzjonijiet fuq skala Komunitarja u wkoll il-programmi nazzjonali. Dan għandu jiżgura l-koerenza tal-attivitajiet kollha, fl-istadju tat-tħejjija u wkoll tal-implimentazzjoni.

6.1.2. Livell nazzjonali

Fil-livell nazzjonali, dan ir-rwol ta' monitoraġġ huwa r-responsabbiltà tal-korpi implimentattivi nazzjonali, filwaqt li l-involviment tal-partijiet interessati l-oħra ikun mixtieq.

6.2. Valutazzjoni

Artikolu 15 - Sal-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni kumplessiva tal-azzjonijiet previsti minn din id-Deċiżjoni.

F'konformità mal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni, l-attivitajiet tas-Sena Ewropea 2010 għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali se jkunu soġġetti għal valutazzjoni kontinwa.

Il-Kummissjoni se toffri b'subappalt il-valutazzjoni kontinwa lil organizzazzjoni barranija indipendenti. Ix-xogħol jibda minn kmieni fl-2010 bil-ħsieb li r-riżultati intermedji jaslu fl-2010 u r-riżultati finali f'nofs l-2011.

L-għanijiet tal-eżerċizzju huma li jivvaluta:

- jekk is-Sena Ewropea 2010 laħqitx l-għanijiet tagħha, fil-livell Ewropew u wkoll f'dak nazzjonali;
- il-punt tal-organizzazzjoni ta' Sena Ewropea speċifika, filwaqt li jqis inizjattivi u miżuri Komunitarji eżistenti oħra għall-ġlieda tal-faqar u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, inkluż l-Istrateġija Ewropea għall-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali.
- il-punt tat-tnedija ta' kampanja kbira ta' informazzjoni u promozzjoni fil-livell tal-UE, inkluż ir-relevanza tal-attivitajiet magħżula u l-udjenzi fil-mira;
- il-valur miżjud maħluq mis-Sena Ewropea, inkluż is-sinerġiji maħluqa bejn l-atturi differenti u ż-żoni ta' intervenzjoni fil-livelli tal-UE u dawk nazzjonali, reġjonali u lokali.

Il-valutazzjoni kontinwa se tqis ukoll l-aspetti u l-attivitajiet differenti tas-Sena Ewropea 2010 fil-livell Ewropew u dak nazzjonali. Se tkopri:

- l-azzjoni fil-livell tal-UE, b'enfasi partikolari fuq il-kampanja tal-informazzjoni u l-promozzjoni;
- l-azzjoni nazzjonali;
- kull azzjoni oħra (eż. proġetti li jirċievu appoġġ morali mis-Sena Ewropea 2010);

- il-qafas ta' monitoraġġ u s-sistemi stabbiliti fil-livell tal-Kummissjoni, inkluż il-Kumitat Konsultattiv, il-partijiet ewlenin u l-grupp interservizzi *ad hoc*;
- il-korpi implimentattivi nazzjonali u l-programmi nazzjonali rispettivi tagħhom.

Barra minn hekk, f'xi pajjiżi tal-UE se jsir għadd ta' studji tal-każijiet.

Il-korpi implimentattivi nazzjonali se jiġu infurmati dwar min se jwettaq il-valutazzjoni kontinwa tas-Sena Ewropea 2010 hekk kif issir l-għażla. Il-korpi implimentattivi nazzjonali se jkunu mistennija jieħdu l-passi meħtieġa biex titkattar l-aħjar kooperazzjoni possibbli mat-tim tal-valutazzjoni u jipprovduha bl-informazzjoni kollha li titlob.

Anness 1 – Il-programmi nazzjonali – l-istruttura proposta

Anness 2 – L-ammont massimu ta' fondi tal-UE allokat għal kull pajjiż

Anness - Strateġija għall-implimentazzjoni

Anness 1 – Il-Programmi Nazzjonali – L-istruttura proposta

1. IL-KUNTEST NAZZJONALI: L-ISFIDI LI GĦANDHOM JIĠU MEGĦLUBA (paġna)

- 1.1 L-isfidi u l-istrateġija nazzjonali kontra l-faqar
- 1.2 L-istruttura amministrattiva

2. IL-PROGRAMM NAZZJONALI inkluż L-ISTRATEĠIJA TAL-KOMUNIKAZZJONI (5 paġni)

2.1 Attivitajiet tas-Sena Ewropea 2010:

Kif l-għanijiet tas-Sena Ewropea 2010 (Rikonossiment tad-drittijiet - Responsabbiltà kondiviża u parteċipazzjoni - Koeżjoni - Impenn u azzjoni konkreta) se jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. X'inhuma r-risultati u l-impatti mistennija tal-programm nazzjonali ?

- 2.2 **L-istrateġija tal-Komunikazzjoni inkluż l-avveniment tal-ftuħ, il-websajt u l-kampanja nazzjonali**
- 2.3 **L-integrazzjoni tas-sessi: kif qed tiġi ttrattata f'kull kapitlu u attività**
- 2.4 **L-aċċessibilità tal-azzjonijiet**

3. KONSULTAZZJONI TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI U L-PARTIJET INTERESSATI (paġna)

- 3.1 **Il-partijiet interessati kkonsultati**
- 3.2 **Il-proċess tal-konsultazzjoni, ir-risultati u s-segwitu**

4. ARRANĠAMENTI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI (paġna)

- 4.1 **Sejħa għall-proposti, kriterji tal-għażla, proċedura tal-għażla, eċċ.**
- 4.2 **Skeda indikattiva**

5. BAĠIT INDIKATTIV (paġna)

6. MEKKANIŻMI TA' MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI (paġna)

Anness 2 – L-ammont massimu ta' fondi tal-UE allokatu għal kull pajjiż (*)

(tqassim proviżorju bbażat fuq il-parteciżazzjoni tas-27 Stat Membru attwali jigiġifieri mingħajr ma titqies il-parteciżazzjoni possibbli ta' pajjiżi elenkati fl-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni)

| Pajjiż | Ammont massimu ta' kofinanzjament tal-UE | Differenzjazzjoni tal-voti fil-Kunsill | Perċentwal ikkoreġut biex ikun garantit kontribut minimu ta' EUR 120 000 |
|--------------------|--|--|--|
| | € | % | % |
| L-Awstrija | 255.155 | 2,90 | 2,84% |
| Il-Belġju | 307.329 | 3,48 | 3,41% |
| Il-Bulgarija | 255.155 | 2,90 | 2,84% |
| Ċipru | 120.000 | 1,16 | 1,33% |
| Ir-Repubblika Ċeka | 307.329 | 3,48 | 3,41% |
| Id-Danimarka | 176.894 | 2,03 | 1,97% |
| L-Estonja | 120.000 | 1,16 | 1,33% |
| Il-Finlandja | 176.894 | 2,03 | 1,97% |
| Franza | 750.807 | 8,41 | 8,34% |
| Il-Ġermanja | 750.807 | 8,41 | 8,34% |
| Il-Greċja | 307.329 | 3,48 | 3,41% |
| L-Ungerija | 307.329 | 3,48 | 3,41% |
| L-Irlanda | 176.894 | 2,03 | 1,97% |
| L-Italja | 750.807 | 8,41 | 8,34% |
| Il-Latvja | 120.000 | 1,16 | 1,33% |
| Il-Litwanja | 176.894 | 2,03 | 1,97% |
| Il-Lussemburgu | 120.000 | 1,16 | 1,33% |
| Malta | 120.000 | 0,87 | 1,33% |
| Il-Polonja | 698.634 | 7,83 | 7,76% |
| Il-Portugall | 307.329 | 3,48 | 3,41% |
| Ir-Rumanija | 359.503 | 4,06 | 3,99% |
| Is-Slovakkja | 176.894 | 2,03 | 1,97% |
| Is-Slovenja | 120.000 | 1,16 | 1,33% |
| Spanja | 698.634 | 7,83 | 7,76% |
| L-Iżvezja | 255.155 | 2,90 | 2,84% |
| L-Olanda | 333.416 | 3,77 | 3,70% |
| Ir-Renju Unit | 750.807 | 8,41 | 8,34% |
| Total | 9.000.000 | 100,00 | 100,00 |

(*) L-Istati Membri se jipprovdu mill-inqas l-istess ammont bħall-kontribut tal-UE

Anness - Strateġija għall-implimentazzjoni

Ottubru 2008:

Konsultazzjoni dwar id-Dokument ta' Qafas Strateġiku mal-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti tal-UE

Novembru/Diċembru 2008:

L-Istati Membri:

- Proċess biex jinħatru l-korpi implimentattivi nazzjonali (b'kapaċità vvalidata għat-tmexxija tal-fondi tal-UE)
- Il-preparazzjoni tal-ħatra tar-rappreżentanti tal-Istat Membru tal-Kumitat Konsultattiv (preferibbilment il-koordinatur nazzjonali tas-Sena Ewropea)
- L-identifikazzjoni tal-partijiet nazzjonali

Il-Kummissjoni:

- Il-preparazzjoni tat-termini ta' referenza għall-kampanja tal-informazzjoni u x-xandir tal-UE u l-valutazzjoni

Jannar/Frar 2009:

L-Istati Membri:

- Ħatra tal-korpi implimentattivi nazzjonali (b'kapaċità vvalidata fit-tmexxija tal-fondi tal-UE) (sal-15 ta' Jannar)
- Ħatra tal-membri tal-Kumitat Konsultattiv (bil-kapaċità li jikkoordina u jmexxi l-kampanja fil-livell tal-pajjiż (sal-15 ta' Jannar)
- Il-korpi implimentattivi nazzjonali għandhom jidentifikaw il-prijoritajiet u jikkonsultaw lill-partijiet interessati dwar l-abbozzi tal-programmi nazzjonali

Il-Kummissjoni:

- Rikonoxximent tal-korpi implimentattivi nazzjonali (tmiem Frar)

Marzu/April 2009:

L-Istati Membri:

- **Tħejjija tal-programmi nazzjonali fi sħubija mal-partijiet interessati**

Il-Kummissjoni:

- L-ewwel laqgħa tal-partijiet interessati segwita mill-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv
- L-għoti tal-kuntratt għall-kampanja tax-xandir fil-livell tal-UE u l-evalwazzjoni

- It-thejjiha tal-konferenza dwar “L-esklużjoni soċjali u x-xandir”
- Thejjiha tad-Deċiżjoni tal-Finanzjament 2010

Mejju- Ġunju 2009:

L-Istati Membri:

- Jibagħtu programmi nazzjonali lill-Kummissjoni (il-15 ta’ Mejju)
- It-thejjiha tas-sejħiet għall-proposti għall-attivitajiet

Il-Kummissjoni:

- Approvazzjoni jew rikjesta għall-emendi lill-programmi nazzjonali (tmiem Ġunju)
- Appoġġ lill-korpi implimentattivi nazzjonali

Il-kuntrattur magħżul iħejji kampanji nazzjonali u r-relazzjonijiet max-xandir

Lulju/Settembru 2009:

L-Istati Membri:

- Thejjiha tal-kampanja nazzjonali bix-xandir

Il-Kummissjoni:

- Adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Finanzjament 2010
- Thejjiha tal-Konferenza tal-Ftuħ (il-Presidenza Spanjola, Jannar 2010)

Ottubru/Novembru 2009

L-Istati Membri:

- Għażla tal-proġetti tas-Sena Ewropea 2010
- Thejjiha tal-proposta tal-korpi implimentattivi nazzjonali għall-kofinanzjament tal-UE

Il-Kummissjoni:

- Konferenza dwar “L-esklużjoni soċjali u x-xandir”
- It-tieni laqgħa tal-partijiet interessati tal-UE u t-tieni laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv

Diċembru 2009:

L-Istati Membri:

- Preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet nazzjonali lill-Kummissjoni (sal-10 ta’ Diċembru 2009)

Il-Kummissjoni:

- Bidu tal-valutazzjoni tal-proposta tal-korpi implimentattivi nazzjonali għall-kofinanzjament tal-UE
- Tħejjija finali tal-Konferenza tal-Ftuħ (il-Presidenza Spanjola, Jannar 2010)

Jannar/Frar 2010:

L-Istati Membri:

- Parteċipazzjoni fil-Konferenza tal-Ftuħ tal-UE fi Spanja
- Avvenimenti tal-ftuħ f'kull pajjiż

Il-Kummissjoni:

- Il-Konferenza tal-Ftuħ (il-Presidenza Spanjola)
- Finalizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-proposta tal-korpi implimentattivi nazzjonali għall-kofinanzjament tal-UE
- Impenji finanzjarji
- Iffirmar tal-ftehimiet tad-delegazzjoni mal-korpi implimentattivi nazzjonali
- Ħlas tal-ewwel pagament lill-korpi implimentattivi nazzjonali

Marzu/April 2010

L-Istati Membri:

- Bidu tal-attivitajiet tas-SE 2010

Il-Kummissjoni:

- It-tielet laqgħa tal-partijiet interessati tal-UE u tal-Kumitat Konsultattiv

Novembru/Diċembru 2010:

- Il-Konferenza tal-Għeluq (il-Presidenza Belġjana)
- Ir-raba' laqgħa tal-partijiet interessati tal-UE u tal-Kumitat Konsultattiv

2011:

- Valutazzjoni tas-Sena Ewropea 2010 u r-rapport finali ta' kull Stat Membru
- L-aħħar pagamenti għas-Sena Ewropea 2010 (Marzu 2011)
- L-Istati Membri u l-Kummissjoni: ikomplu jibnu fuq il-momentum maħluq mis-Sena Ewropea 2010 biex jittrasformaw l-inklużjoni soċjali f'azzjonijiet konkreti
- Il-ħames laqgħa tal-partijiet interessati tal-UE u tal-Kumitat Konsultattiv

- Ir-rapport kumplessiv finali dwar is-Sena Ewropea